

# Ix-Xogħol Huwa Sors ta' Sodisfazzjon



**Robert Cutajar**
**Sindku**

Is-Soċjetà Mużikali Imperial hija waħda minn dawk l-għaqdiet li għandna fil-Mellieħa li taħdem bla heda b'risq il-membri tagħha u anke għall-ġid tal-mużika fil-Mellieħa. Nistħajjel li d-diriġenti ta' din is-soċjetà jimxu ħafna ma' dak li qalet darba Anne Frank: "L-għażż jista' jidher sabiħ, imma huwa x-xogħol li jagħtik is-sodisfazzjon."

Fil-fatt kien ta' sodisfazzjon għalija wkoll li tul dawn l-aħħar ħames snin bħala Sindku ħdimt mill-viċin mal-Għaqda Mużikali Imperial. Snin li rawna flimkien immexxu l-isem tal-Mellieħa 'l quddiem. Din is-soċjetà dejjem ipparteċipat b'impenn kull meta ntalbet tkun parti minn xi attività jew oħra. Insemmi L-Iljieli Melleħin, Il-Milied Mellieħi, l-inawgurazzjoni ta' ġonna madwar il-Mellieħa, il-Festa ta' San Ġwann kif ukoll il-Festival tan-Nar, li għall-ewwel darba sar fil-Mellieħa.

Il-Banda Imperial kienet mistiedna anke barra minn xtutna. Fl-aħħar snin ingħatat il-possibilità li tirrappreżenta 'l-Mellieħa f'attivitajiet popolari fi Sqallija.

Bħalma qalet Anne Frank, ix-xogħol huwa sors ta' sodisfazzjon. Għalhekk ma stajtx ma nagħtix is-sehem doveruż tiegħi, kif għamilt ma' għaqdiet oħra, biex din is-soċjetà tgawdi minn fondi speċjali tal-Gvern permezz tal-Fond għall-Kawżi Ġusti. L-Għaqda Mużikali Imperial ingħatat flus minn dan il-fond li qed jintużaw biex itaffu l-ispejjeż tal-bini tal-planċier. U dan kien ta' sodisfazzjon kemm għalija u anke għall-Għaqda.

Mument importanti li esperjenzajna flimkien matul l-aħħar xhur kien il-bidla fil-presidenza ta' din l-Għaqda. Fil-fatt din ser tkun l-ewwel Festa tal-Vitorja għall-President il-ġdid is-Sur Josef Borg li permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq nawguralu ħidma sfiqa b'risq is-Soċjetà Imperial u l-membri tagħha kif ukoll b'risq il-Mellieħa għażiża tagħna. Fl-istess waqt irrid insellem u nirringrazzja lill-eks President, is-Sur Ġużepp Bartolo li kien ta' gost u pjaċir għalija li ħdimna flimkien tul l-aħħar erba' snin. Ad multos annos Sur Bartolo.

Minn hawn u sena oħra, il-poplu Mellieħi jkun ġie mitlub jagħżel Kunsill ġdid. Jekk inkunx qed nerġa' nikteb messaġġ bħal dan fil-pubblikazzjoni ta' sena oħra ma jiddependix minni. Però, jien dejjem lest li, safejn nista', nibqa' nagħmel ħilti kollha sabiex nara lill-Mellieħa u dak kollu assoċjat magħha dejjem aħjar. Persważ li dan huwa l-għan tal-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ukoll u nirringrazzjakom talli tagħmlu ħilitkom kollha biex tkomplu tmexxu din l-għaqda 'l quddiem.

Jalla bħas-snin ta' qabel ikollna festa sabiħa ad unur il-patruna għażiża tagħna Marija Bambina. F'ismi, f'isem sħabi l-Kunsilliera u f'isem l-istaff tal-Kunsill Lokali nawgura lill-membri u l-familji tagħkom kif ukoll lill-Melleħin kollha l-festa tajba.

Viva Marija Bambina.

**BELLA VEDUTA**
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*